MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Numru. 1295/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**

**KONTRA**

**ELVIN AZZOPARDI ta' 30 sena, iben Paul u Salvina nee' House, imwieled Tal-Pieta' nhar is-16 ta' April, 1979, residenti fil-fond Maisonette no 6, Triq Giovanni Maria Camilleri, Blata l-Gholja, Marsa, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 252279M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **ELVIN AZZOPARDI** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, nhar it-12 ta' Ottubru, 2007 b'xi hin bejn nofs il-lejl u l-hamsa ta' fil-ghodu gewwa l-Mosta,

ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb kontra PS 698 S Tabone u cioe' persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz publiku, fil-waqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PS 698 S Tabone skond kif iccertifikat mit-Tabib DR O Mifsud MD Reg no 2953 u dan bi ksur ta' l-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi meta kien fil-pubbliku, qal xi kliem oxxen jew indicenti li kien ukoll jikkonsisti f'dagha u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex legittimi ta' persuni nkarigati minn servizz pubbliku u cioe' PS 698 S Tabone, PC 1068 B Wood, PC 53 S Spiteri, u PC 931 C Zarb, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel;, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi, jew b'xi mod iehor, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi rrifjuta li jaghti jew ta falz lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kine jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U kif ukoll talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi gewwa l-Mosta, saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAU 074 ta' l-ghamla Subaru J10 meta kien taht l-influwenza tax-xorb u/jew drogi, fejn meta sarlu t-test tan-nifs irrizulta 61mg/100ml meta l-livell masssimu konsentit mill-Ligi huwa 35mg/100ml.

Rat li fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu - ammissjoni li baqghet ikkonfermata tul dawn il-proceduri;

Rat ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, kif ukoll illi gie prezentat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji;

Rat li in kwantu giet registrata din l-ammissjoni gie redatt *Pre-Sentencing Report*. Rat l-istess rapport, frankament taqbel ghal kollox mas-suggerimenti hemm inkluzi.

In vista' ta' l-ammissjoni qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 95, 96. 221(1), 338(bb)(dd)(ee)(g), 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat il-fedina penali tieghu, l-imgieba tieghu, anzi l-progress li huwa ghamel fi hdan il-problema li biha huwa afflitt;
Ghaldaqstant qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li apparti li ma jaghmilx reat iehor, joqghod taht Ordni ta' Probation ghal sena u nofs taht il-hdan ta' l-Agenzija Sedqa, dejjem taht id-direttivi ta' l-Ufficjal tal-Probation John Testa, b'dan illi Elvin Azzopardi ghandu jsegwi b'mod skrupluz kull direttiva lilu hekk moghtija, dan wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan illi l-istess Ufficjal

tal-Probation John Testa ghandu jirraporta kull xahrejn(2) bil-miktub l-andament ta’ l-istess Elvin Azzopardi, specjalment fi hdan l-Agenzija Sedqa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------